ZOO

Ta' ALBERT M. CASSOLA

Jekk trid li tiltaqa'
Mal-ħbieb tiegħek kollha,
Tfittixx dawk l-imkejjen
Fejn taqa' xi folla.
Fil-folla tintilef
U tilmaħ biss dawk
Li jkunu ma' dwarek,
Bla forsi jarawk.
Int fittex fil-ġonna
Bil-gaġeġ ġo fihom,
Osserva fil-gaġeġ
In-nies li taf bihom.
Ġà fhimt li l-post hu
Il-ġnien kbir taz-Zoo.
Hawnhekk għandek tilmaħ
Lill-kbir ħabib tiegħek
Li jimita lilek
U jimxi biss miegħek;
Li ħa min-natura
Sal-pil ta' fuq ġismu,
Imqar jekk difrenti
M'għandux barra ismu.
Dan jixbhek fis-sura,
Fl-egħmil kollu tiegħu:
Iħabbat fuq sidru
Bis-saħħa ta' driegħu.
Fil-mossi ħelwin,
Ammira x-xadin.
U ftakar f'ħabibtek
Bla qalb u qalila,
It-tigra (mhux mara?),
Kattiva u krudila.
B'hekk tgħallem iskarta
'L min snienu msinnin,
Għax dawk annimali
Żgur kollha kefrin.
Osserva l-iljuni
Tant sbieħ u fuq tagħhom,
Biss żomm 'il bogħod minnhom,
Toqgħodx tilgħab magħhom!
Ħarsilhom kemm trid,
Minn wara l-ħadid.
Bil-ġilda tant ħarxa,
Bil-passi tal-ġganti,
Hemm tilmaħ, enormi,
Lil ħafna ljunfanti.
Bħal snien ta' l-avorju,
Proboxxide twila,
Widnejn bħal imriewaħ,
Memorja ta' ħila.
Hekk ftakar fil-fakra
Tal-bhima felħana
Li tgħix fil-pajjiżi
Fejn tagħmel is-sħana.
Int bħalu kultant
Il-kbir iljunfant.
Żeffien ftit hawn bħalu
L-ors abjad, kannella:
Tanbarlu u jiżfinlek
Malajr tarantella.
Jiċċajta bħal tifel,
Idoqq fuq tanbur,
Iħabbat xi njama
Kif jaqbeż u jdur.
Issibu xi drabi
F'reġjoni polari,
Fiċ-Ċirklu ħa l-isem
Ta' l-*orsu ballari*.
Idaħħkek għax ħelu,
Jaf jagħmel l-inkini,
Kultant iħabbatha
Ma' ftit ballarini.
Bil-għatx meta jkun,
Jaf jieħu l-flixkun.
Ġo l-ilma l-bekkejja
Gremxul madornali
B'għajnejhom idemmgħu
Aktarx mhux bil-għali:

B'ipokriti ċari
Żgur lilhom tagħżilli
Għal dmugħhom iġelben,
Xi gods kukkudrilli.
Kemm nies (mhux biss nisa)
Taparsi jibkuna
Biex, foloz li huma,
In-niket juruna.
Kemm hawn x'waħdadin
Nies oqbra mbajdin!
Qabbieża, ferħana,
Bis-sraten, bl-inkini,
Issib l-eleganza
Fil-ħelwa pengwini.
Għasfur li jiċċajta,
Kuntent u paxxut
Jekk jista' mqar jibla'
Bukkuni tal-ħut.
Lit-tfal igħaxxaqhom
Bil-logħob sabiħ tiegħu,
Għalhekk popolari
Isiru wisq miegħu.
Sidirhom bajdani
Taħt daharhom sewdieni,
U nodfa xummiema,
Jinħaslu minn kmieni.
Għasafar ħelwin
Ftit hemm bħall-pengwin.
Kif nista' nissokta
Bil-ħafna annimali
Li jixbhu lill-"bniedem,"
Għax bħalek u bħali?
Li konna biss nagħrfu
Narawna bħal f'mera
Fil-bhima sabiħa,
F'dik l-oħra tant kerha!
Li kien jirnexxilna
Nitgħallmu mill-bhejjem
Biex naqtgħu kull ħażen
Xi drabi għal dejjem
U l-bniedem ikun
Tassew tar-raġun!

NIFIRĦU

NIFIRĦU minn qalbna lill-Kav. ALBERT M. CASSOLA, F.L.L., O.S.J., Membru Akkademiku ta' *Il-Għaqda*, li dan l-aħħar rebaħ l-Ewwel Premju f'Konkors Internazzjonali ta' Novelli f'Messina bin-novella tiegħu "Il Barone Marasuli".

Is-Sur Cassola ilu magħruf fostna bħala wieħed mill-aħjar kittieba ta' proża drammatika u narrativa u ta' versi nazzjonali u patrijottiċi bil-Malti u bit-Taljan; Surmast tal-Malti u tat-Taljan fil-Liċeo, Editur tal-Paġna Letterarja ta' *Il-Qawmien*, u fuq kollox awtur ta' diversi xogħlijiet letterarji li bihom għamel isem mhux biss fostna, iżda wkoll barra minn Malta.

TISWIJIET TA' L-ISTAMPA — *f'IL-MALTI ta' Ġunju*, 1967.

Il-Mewt ta' Laurent Ropa: paġ. 35, vers 14, il-kelma għenet għandha tinqara *kienet* (mewtitlu, eċċ.); paġ. 36, vers 5 tal-para. 4 għandha tidħol il-kelma *fejn* qabel il-kelma *wera*.

Reċensjonijiet: — *The Triliterality of Quadriliterals in Semitic Maltese*. Paġ. 60, vers 4 tal-paragrafu 4, il-kelma *jidhirlu* għandha tinqara *jidhirli*.